**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 8 ta' Novembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janetta Grixti)**
**Vs**
**James Barbara**

**Kump Nu: 315/2022**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra James Barbara, detentur tal-karta ta' l- identita' nru. 161571M fejn gie akkuzat talli fis-sieghat bikrin ta nhar l-10 ta' Frar, 2021, ghal habta tan-nofsiegha ta' filghodu (0030hrs) waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla Lamborghini tip Urus bin-numru tar-registrazzjoni JMS271, gewwa Triq l-Ahhar Hbit tat-Torok, Zabbar:

1. ikkommetta sewqan perikoluz, negligenti u traskurat u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. fl'istess data, hin, lok u cirkustanzi meta kien qed isuq jew jipprova jsuq ma kellux il-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi dan bi ksur tal-Artikoli 15A u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta Malta;

Ukoll il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(E)(5) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-

ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjonijiet finali dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, partikolarment l-atti tal-inkjesta, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena din il-Qorti qed tqis l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali mhux refrattarja tieghu, il-fatt li gie evitat piz zejjed fuq l-erarju pubbliku u li d-danni pubblici kif ukoll id-danni ikkawzati lill-privat gew saldati (dan kif gie solennement sottomess mid-difiza fis-sottomissjonijiet dwar il-piena).

**Konkluzjoni.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, u 533 tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-Artikoli 15(1)(a)(2), 15A, 15B, 15(E)(5) u 15H(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65, ilkoll tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati, fuq ammissjoni tieghu stess, ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena tal-multa fis-somma

komplessiva ta` elfejn euro (€2,000). Inoltre, l-Qorti qed tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-hati James Barbara ghal perjodu ta' sitt (6) xhur millum.

Il-Qorti, bis-sahha tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kap 9, tordna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti, l-ispejjez skond il-Ligi. Konsegwentement qed tordna li kopja ta` din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur (Qrati u Tribunali Kriminali) sabiex issehh l-ezekuzzjoni ta` din l-Ordni skond il-ligi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur